C/2026/3315

16.6.2026

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1364, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1361 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2026/3315)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1364 [2], u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 [3], kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1361 [4] dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Ir-raġunijiet li ddeterminaw id-dežinjazzjoni ta' dawk il-persuni, entitajiet u korpi jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni ta' dawk il-persuni għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (irreferi għall-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej qabel it-3 ta' Lulju 2026.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
[2] ĠU L, 2026/1364, 15.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1364/oj.
[3] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.
[4] ĠU L, 2026/1361, 15.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1361/oj.